# ‘Dik it-Tjieba Ħanina li għallmitni ommi fl-iskola ta’ ħoġorha’ – Dun Karm Psaila

***Joseph Vella***
joseph.c.vella@um.edu.mt

**Astratt***:* Il-qarrej assidwu tal-poeżiji ta’ Dun Karm Psaila (1871–1961) jinnota rikorrenza persistenti ta’ għadd ta’ termini, xbihat, u metafori li marbutin flimkien, huma l-*leitmotif* tal-aqwa fost xogħlijietu u jixhdu l-essenza tal-*forma mentis* tiegħu. Din il-ktiba għandha l-għan li, waqt li tirrileva dan kemm tista’ fi ħdan il-limiti tat-tul allokat, tasal ukoll biex tindika li Dun Karm jattribwixxi l-qofol tal-fibra morali tiegħu lill-formazzjoni li rċieva mingħand ommu, il-figura materna (attwali imma wkoll arketipali)[1] li tinħass tinfluwixxi fuqu b’mod speċjali fil-perjodu tal-produzzjoni tal-aqwa kitbiet poetiċi tiegħu fit-tletinijiet, u mill-erbgħinijiet tas-seklu għoxrin ’il quddiem.[2] Dan kollu jiġi esplikat skont vrus il-poeta nnifsu, jew kif implikat minnhom.

1 Għalkemm l-arketip tal-omm, skont C.G. Jung, *The Archetypes of the Collective Unconscious*, 2nd edition (Princeton/Bollingen, 1990), 81 jista’ jimmanifesta ruħu permezz ta’ varjetà ta’ persuni femminili, mill-omm personali attwali sa nisa oħra preżenti f’ħajjet individwu, u minn diversi entitajiet li b’mod figurattiv jirrappreżentaw l-aspett matern (bħan-Natura, il-Knisja, il-Patrija, u l-bqija), kif jinstab b’mod prolifiku f’xogħlijiet Dun Karm; hawnhekk l-attenzjoni se tinxteħet l-aktar fuq ix-xbiha tal-omm personali attwali, dik li tissawwar l-aktar mill-inkonxju personali, għalkemm il-figura materna li tixref mill-inkonxju kollettiv ma titwarrabx.
N.B. Kull poeżija kkwotata tinsab f’*Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura*, ed. O. Friggieri (Malta, 1980), bin-numru tal-paġna fejn tinsab isegwiha. Għall-poema *Il-Jien*, it-test ikkwotat hu minn *Dun Karm – Il-Jien u lil hinn Minnu*, ed. O. Friggieri (Malta, 1988), bl-għadd tal-versi kif mogħti fl-edizzjoni kkwotata.

2 L-ansjetajiet essenzjali tal-poeta jinsabu l-aktar fil-perjodu msemmi. Ara *L-Ittri ta’ Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar*, ed. O. Friggieri (Malta, 1997), 11–12.

**Kliem muftieħ:** L-Omm (attwali/arketipali), il-Mewt, it-Tbatija, is-Solitudni, l-Eżistenza, is-Salib, il-Fidi, it-Tama, u l-Imħabba.

## Il-Ħajja għalliema għall-Omm, u l-Omm għalliema ta' binha

Fi vrus Dun Karm xi drabi tingħata dehra ta' tfajjel innoċenti,[3] imsejjaħ Karmnu,[4] jirċievi l-ewwel tagħlim dwar il-ħajja mingħand ommu, Lunzjata nèe Pisani (1831–1909).[5] Mingħandha huwa jirċievi wkoll is-sisien tal-valuri u l-prinċipji morali, propju matul is-snin bikrija formattivi tiegħu.[6]

Mill-istess versi, Lunzjata tixref bħala omm ideali u mara eżemplari. Skont binha, kienet omm ideali għaliex kellha safa naturali ġejja mill-

3 Dun Karm spiss jagħmel referenza għal żmien tfulitu, kemm b'mod nostalġiku, imma xi drabi wkoll bħala xhieda tal-ewwel tiġrib tal-ħajja: 'Kont għadni tfajjel ċkejken, / Bejn disa' u għaxar snin; / Ħassejt xi ħaġa tqila / Tagħfasli spallti u qalbi fl-istess ħin. // Taħt dik il-weġgħa ġdida / Għajnejja mtlew bid-dmugħ, / U ġrejt għal ħoġor ommi, / B'ħarsti miksura u wiċċi ftit miblugħ.' (*Is-Salib – I*, 97); '... dik it-Tjieba Ħanina li għallmitni / ommi fl-iskola ta' ħoġorha, meta / tfajjel daħkani ma kontx naf ħaġa oħra / ħlief inħares f'għajnejha u fit-tbissima / ta' fommha u kienu dawk il-ġenna waħda / ta' ħsiebi u qalbi ...' (*Il-Jien u lil hinn Minnu*, vv 99–104); 'Kont għadni tfajjel ċkejken / Imqabbad f'sider ommi, / Meta tnisslet minn fommha / L-ewwel kelma fuq fommi; // U, naħseb, fuq xofftejja / Faqqgħet bewsa qawwija, / Għax donnha fiha seħer / L-ewwel kelma f'tarbija. // Imbagħ'd minn jum għal ieħor / F'dik l-iskola ta' ħlewwa / Inħall u ħeff ilsieni / Sa sfajt nitkellem sewwa. // U ma' kelmitha nisslet / Ommi ġo qalbi xejra / Tajba li nixtieq tibqa' / Ma' ħajti kollha sejra. // Għallmitni li kull fqajjar / Għandu Missier fis-sema, / Li t-talba ta' min jitma' / Ma jkun qatt li tirtema. // U mas-sebħ u fil-ħmura / Ħelwa ta' filgħaxija / Darrietni nsellem lilek, / Omm ta' kulħadd, Marija.' (*Il-Kelma t'Ommi*, 244).

4 Jidher li Lunzjata kienet issejjaħ lil binha hekk: 'Jekk Karmnu jwarrab minnek, ħudu m'nn issa, / għax jiena mħabba fik tajtu dan l-isem.' (*Lill-Madonna tal-Karmnu – Talba*, 288)

5 O. Friggieri iġib l-isem Lonza f''Il-Ħajja u l-Karattru ta' Dun Karm', *In-Nazzjon Tagħna*, 4/10/1971.

6 Ara nota 3 u tmiem il-kwotazzjoni f'nota 39 dwar in-newba tas-saċerdozju f'Dun Karm.

istinti materni pożittivi tagħha;[7] kellha sempliċità li tiġbdek;[8] u kienet mara eżemplari għaliex għarfet tkun prammatika, l-aktar minħabba li fi xbubitha kienet ħaddiema fix-xogħol iebes tar-raba’:

Ħassejt ġibda sabiħa
Għall-kelma li għallmitni
Ommi u, nistqarr is-sewwa,
Dik il-kelma saħħritni.

Għax ommi – tkun imbierka! –
Kienet tifla tar-raba’,
Li ġarrbet xemx u xita,
Ġarrbet nuqqas u xaba’.

---

7 Fis-sunett *Univers Ieħor*, 117, Dun Karm jinħass jirrikostruwixxi dak li wisq probabbli ġarrab meta kien għadu tarbija tat-twelid. Peress li joffri xena ġenerika ta’ omm tredda’ tarbija, jixref b’intensità l-arketip tal-omm u jispikka l-element universali tax-xena deskritta bħala parti mill-inkonxju kollettiv. Dun Karm f’xogħlijietu kellu ħabta jaħfen ċirkostanzi li jappartjenu għal firxa wiesgħa ta’ qarrejja jew semmiegħa. F’*Waħdi*, 230, insibu definizzjoni tal-omm skont Dun Karm: ‘Omm, il-kelma tal-faraġ fil-hemm, / Omm, il-kelma tal-ħniena fil-ħtija, / Omm, il-kelma li trażżan id-demm.’

8 Lunzjata, dejjem kif murija fil-kliem poetiku ta’ binha, bil-mod tagħha kienet taf tgħabbar kefef miżien ħajjitha bi ħsibijiet xierqa (nieqsa mill-kumplessità) fuq naħa, u b’sentimenti doċli (imma mhux ħajjiema) fuq in-naħa l-oħra. Kellha fiha n-naturalezza tal-maternità istintiva msieħba mal-għaqal sieber li jgawdi l-bniedem meta jagħraf jislet it-tagħlimiet xierqa għax jirrifletti dwar l-esperjenzi pożittivi u negattivi tal-ħajja.

Fi vrusu Dun Karm kemm-il darba juża termini marbuta mal-kunċett ta’ ‘ħlewwa’ meta jirreferi għal ommu, imġibitha u kliemha, liema termini jattribwihom frekwentement ukoll lil Alla/Kristu. (Għal ġabra ta’ dawn l-okkorrenzi ara J. Vella, ‘“Dak l-univers ta’ tjieba u dija li jiddi ħelu fuq il-wiċċ ta’ mara” – Dun Karm’, fi *Knisja Elfejn*, 108 (2014), 36–7.

It-terminu ‘ħlewwa’ jfakkar fid-‘Diskors tal-Muntanja’ (Mattew 5:5) – ‘Henjin ta’ qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b’wirthom l-art’; skont D. Spiteri, *Dizzjunarju Bibliku – Temi Teoloġiċi* (Malta, 1996), 61, ‘il-kelma Griega *praus* b’kelma Maltija aktar flokha tfisser ‘ġwejdin’ .... Din imbagħad tittraduċi l-kelma *‘anawîm*, ‘il-fqajrin’, fis-sens spiritwali, dawk li jafu jissaportu u jieħdu kollox bis-sabar; għalhekk, twajbin, ta’ qalb ħelwa. ...’ Għaldaqstant, wisq probabbli Dun Karm kellu l-fehma li ommu kienet tħaddan il-karatteristiċi tal-beatitudni msemmija.

U kienet taf ix-xagħri
Ħawli, l-ġonna xemxija,
Taf il-għoljiet imrewħa,
Taf il-widien dellija.

Għalhekk kelmitha kienet
Tfuħ bħas-sagħtar u l-plejju,
Tgelgel bħall-ilma ġieri,
Tmewweġ bħaż-żara' f'Mejju.

Kemm kienet iddoqq ħelu
F'widnejja l-mewġa tagħha!
Kemm kien jidhirli safi
Il-ħsieb li joħroġ magħha!

U kieku qatt naqsitha
Fil-ħtieġa l-kelma bnina!
Oh dejjem nibqa' nħobbha
Il-kelma t'ommi rżina!

Inħoss li kieku neqred
Dik il-kelma minn fommi,
Inkun qed niċħad lili,
Inkun qed niċħad 'l ommi.[9]

Lunzjata f'għajnejn binha tinħass li sfat il-medju ewlieni tal-Imħabba t'Alla f'ħajtu, is-sors primarju ta' kulma hu tajjeb u sabiħ.[10] Dun Karm jinferixxi li laħaq l-epitomija tal-imħabba[11] – imħabba unika u superjuri

9 *Il-Kelma t'Ommi*, 244.

10 Ara *Univers*, 117, fejn it-tarbija, 'Sema ieħor ma tafx għajr il-wiċċ t'ommha / Dejjem safi bla nikta ta' ħajbura, / Anqas xemx oħra ħlief tbissimet fommha / Li tieħu ta' kull dawl il-lewn u s-sura.'

11 Għadd ta' versi ta' Dun Karm jindikaw li tant kellu relazzjoni tajba m'ommu, li b'ħarsa f'għajnejn xulxin kienu jiftiehmu: 'Ommi ħaddnitni magħha / B'dik l-imħabba li ttuq; / Imbagħ'd qabditli wiċċi / Bejn idejha u żammitli ħarsti 'l fuq, // U l-ħarsa tagħha niżlet / Sa ġewwa qalbi, żgur, / Għax jien rajtha titbissem / U minn

għal kull oħra f’ħajtu bħala bniedem kast għax qassis devot u ġenwin.[12] Fil-ħsieb Dun Karmjan, imħabbet l-omm tinbet min-Natura, liema Natura ġejja minn Alla.[13] Allura, fi ħsiebu, imħabbet ommu ngħatat lilha biex tingħadda lilu; hija mħabba providenzjali. Hekk, omm Dun Karm kienet il-veikolu ideali li permezz tiegħu seta’ jirċievi mingħajr adulterazzjoni l-imħabba tal-Missier Etern.[14]

Għaldaqstant, meta l-omm ġiet nieqsa f’ħajjet Dun Karm, dan beda jikkunsidra jekk l-imħabba (t’Alla) naqsitx f’ħajtu:

> Għidli, j’ommi,
> tmut l-Imħabba bil-Mewt?[15]

Imma eventwalment, minkejja t-turbolenzi emottivi, psikoloġiċi, u spiritwali, anke propju frott it-twissijiet inkulkati fih bikri fi tfulitu minn ommu stess, wasal biex jagħraf u jsostni li l-imħabba ma tmutx ... u li allura hemm ir-rebħa fuq il-mewt, ladarba meta ommu ġiet nieqsa, baqa’ jħobbha u beda jintuwixxi li baqgħet tħobbu:

---

fuq wiċċha rajt bħal dell imur.’ (*Is-Salib – I*, 97); ‘Sabiħa fil-ġmiel kollu tagħha / dehret quddiemi x-xbiha t’ommi. Ħelwa / kienet id-daħka fuq xofftejha: ħelwa / id-dija rżina ta’ ħarsitha; ...’ (*Il-Jien*, vv 372–5); ‘u bid-dawl ta’ għajnejk, li qatt ma ddel’lu, / kont tfissirli x-xewqat li kellek f’qalbek, / bla qatt ma għedtli; ...’ (*Żjara lil Ġesù*, 236).

F’*Univers*, 117, Dun Karm jinnota kif tarbija, saħansitra daqstant bikri fit-trobbija tagħha, tiffissha ħarsitha f’għajnejn ommha: ‘Kwiekeb tnejn biss, u hemm ħarsitha żżommha / Meta f’ħoġorha tqegħedha l-omm għajjura’. Ara wkoll il-kwotazzjoni minn Serracino-Inglott f’nota 18: ‘... meta l-Imħabba laħqet l-aqwa tagħha ...’, P. Serracino-Inglott, ‘Filosofija u Xbihat f’Dun Karm’, f’C. Azzopardi (ed.), *Studji Dunkarmjani* (Malta, 2011).

12 F. Sammut, ‘Dun Karm: L-Ambjent Żebbuġi u lil hinn Minnu’ f’Azzopardi (ed.), 185.

13 *L-Għanja tal-Imħabba*, 290, tiżvela li għal Dun Karm – bħala poeta Romantiku imma wkoll bħala wemmien Nisrani – l-Imħabba tinsab kullimkien fil-ħolqien, ladarba Alla hu Mħabba, u Alla hu omnipreżenti.

14 Ara *Univers*, 117, bil-faxxinu u l-għoġba kollha li jfawru minn fomm il-poeta quddiem ix-xena sublimi li jiddeskrivi fejn l-omm tgħaddi propju mħabbitha mal-istess ħalib (‘l-ogħna matmura’), li tredda’ lit-tarbija.

15 *Il-Jien*, v 389.

Le, l-Imħabba ma tmutx![16]

Dun Karm jirraġuna, dejjem bil-premessa li Alla jeżisti,[17] li

L-Imħabba tisboq
Kull żmien, u tofroq dik is-satra sewda
Li taħkem 'il ftit dawl li haw' madwarna;
għax, jekk min sawwar din il-qalb, u fiha
kebbes xewqat akbar miż-Żmien u l-Wisa',
jiċħdilha t-temma, jiċħad lilu nnifsu,
u mhux ħabib tas-Sewwa.[18]

---

16 Ibid., v 382.

17 Dun Karm imkien ma jidher li qatt kellu dubji dwar l-eżistenza t'Alla. Serracino-Inglott, 131–2, jikteb: 'Nafu li Dun Karm midħla tal-metodu ta' Santu Wistin (li sejjaħlu 'l-ikbar u l-ifjen filosofu'): *Credo et intelligam*, nemmen biex nifhem. ... M'hemm xejn li jindika li jħaddan il-metodu ta' Terulljanu: *Credo quia absurdum*: nemmen għax ma nifhimx. Huwa biss meta tiżbalja r-Raġuni (billi tħalli barra l-Imħabba) li tista' ġġib konflitt mal-Fidi. Dun Karm mhux talli mhux fideista, iżda lanqas biss iħossha din il-problematika.'

U aktar 'il quddiem jafferma (ibid. 133): '... il-kitba tal-poema hija marbuta ma' żewġ ċirkostanzi: il-mewt ta' Ġannina Pisani u t-traduzzjoni ta' *I Sepolcri* ta' Foscolo. L-argument ċentrali tal-poeżija huwa sewwasew dwar il-mewt.'

18 *Il-Jien*, vv 382–8. Serracino-Inglott, 134–5, jidentifika t-tliet stadji li fihom tixref l-omm (bi mħabbitha dejjiema) matul il-poema, u jirreferi għal żvilupp importanti tad-duttrina ta' Santu Wistin misjub f'San Tumas d'Aquino u jgħid li Dun Karm aktarx kien studjaha tajjeb. Skont San Tumas, xi ħadd ikun preżenti jew għax jokkupa l-ispazju, inkella għax mingħajr ma jokkupa spazju jeżerċita forza jew qawwa xi mkien, bħalma jagħmlu l-ispirti. U f'*Il-Jien* Dun Karm jindika li tassew ħass il-preżenza t'ommu għad li mejta: l-ewwel jiftakar kliem ommu (fis-6 strofa); imbagħad jisma' leħinha – 'il-leħen moħbi jċanfar' (fil-15-il strofa); li mhux biss tifkira, imma tfakkira attwali tal-misteru tas-salib li d-diwi tiegħu jiddamdam mill-ħolqien kollu; imbagħad issegwi l-konvinzjoni tal-eżistenza u l-preżenza f'miljietha t'omm il-poeta (fi strofa 24), meta fil-preżent iħoss imħabbitha taħraq għalih daqskemm kienet meta kienet għadha ħajja. Serracino-Ingott jissokta: 'Il-poeta jitkellem minn esperjenza personali, imma li ma jqishiex suġġettiva, għaliex hija esperjenza li kull min ħabb tassew iġarrabha. Kieku min imut ma jibqa' jeżisti xejn, jew jibqa' jeżisti biss fil-memorja, ma kienx ikun possibbli la tħobbu u wisq anqas tinħabb minnu, għaliex ix-xejn ma jista' jkollok ebda relazzjoni jew rabta miegħu, u wisq inqas jista' x-xejn jaġixxi u jaħdem fuqek. Għalhekk il-poeta jikkonkludi:

Minn kmieni f’ħajjet il-poeta, l-omm lil binha kienet wissietu li fil-ħajja teżisti t-tbatija (rikorrentement issimboleġġata, fil-ħajja u fil-poeżija, mis-Salib salvifiku [ta’ Kristu]):

B’dik il-ħlewwa ta’ kelma
Li qatt f’għomri ma nsejt,
Ibni, xi ġralek? qaltli;
Għidli daqsxejn x’inhu dak li ħassejt.
Oh mamma, dlonk weġibtha,
Ma nafx x’inhija din;
Ħassejt xi ħaġa tqila
Tagħfasli spallti u qalbi fl-istess ħin.

Ħares, issoktat ommi,
Għalik beda t-tiġrib;
Bdejt taf l-imrar tan-niket;
Dak li ħassejt illum huwa s-salib.
Billi din l-ewwel darba,
Ħassejtu bosta tqil ...
Imma tidrah, jekk Alla
Ikun irid jisilfek għomor twil.
Kulħadd, ibni, fid-dinja
Għandu salibu: il-fqir
U l-għani, is-sħiħ u d-dgħajjef,
Min għadu ċkejken, u min hu ġa kbir.
Imma xejn taqta’ qalbek;

---

Le! L-imħabba ma tmutx! L-imħabba tisboq
kull żmien u tofroq dik is-satra sewda ...

li hi l-mewt. Din mhix ħlief it-tifsira Pawlina tas-Salib. Il-mewt tidher għal mument rebbieħa; iżda l-imħabba hija aktar qalila, aktar qawwija mill-mewt. Il-mewt jirnexxilha teqred tassew biss fejn ma kienx hemm imħabba qawwija biżżejjed, imma meta l-Imħabba laħqet l-aqwa tagħha, allura dak li jseħħ huwa biss bidla fil-forma tal-preżenza, fl-espressjoni tal-eżistenza, li ma tibqax aktar murija bl-okkupazzjoni tal-ispazju minn korp bi tliet dimensjonijiet, imma bl-eżerċizzju tal-forza, tal-qawwa, tal-enerġija, tal-imħabba li tinħass f’post determinat – sewwasew fil-persuna ħajja li tibqa’ tħobb u tinħabb mill-persuna mejta.’

Is-salib li jagħtik
Alla, taħdmu l-imħabba,
U, emminni, qatt ma jkun tqil wisq għalik;
U jekk int tagħraf terfgħu
Dan it-toqol ħanin,
Tasal biex tibda tħobbu ...
Imma dan tifhmu mal-ħarba tas-snin.[19]

U bil-mod sempliċi imma għaqli tagħha, dan ippreżentathulu bħala l-mezz ewlieni tal-fidwa mill-istess tbatija, u mhux bħala r-riżultat ta' inekwità jew xi forma ta' ħruxija gratwita.

Lil Lunzjata l-ħajja għallmitha li fil-proċessi tan-Natura l-kisba ta' xi ħaġa aħjar aktarx tinvolvi t-tbatija, u l-apprezzament ta' dak li jinkiseb jinsilet propju skont il-grad ta' tbatija subita waqt l-istess akkwist.[20]

Hekk, l-aktar minħabba l-mod ta' għajxien tagħha, din it-'tifla tar-raba'[21] tgħarrfet, u għaddiet bil-fomm u bl-għemil l-għarfien li kisbet lil binha – li t-tbatija fiżika tista' tissarraf fil-kisba tal-ġid. F'kitbietu Dun Karm spiss jindika li l-ħidma iebsa ta' matul il-jum tiġi ppremjata permezz tal-mistrieħ mistħoqq (aktarx wara nżul ix-xemx);[22] u anke jekk wara l-mistrieħ ta' matul ir-raqda (sielma għax meritata), jerġa' jixref jum ġdid (ta' ħidma iebsa), min iqum biex jaffaċċjah ikun irrinvigorat u mħejji.[23]

19 *Is-Salib – I*, 97.
20 F'*Il-Kelma t'Ommi*, 244, Dun Karm jimplika li ommu għarfet x'issarraf il-ħajja propju għaliex ġarrbet il-pożittiv u n-negattiv. (Ara b'mod speċjali l-versi abbinati ma' nota 9: 'Għax ommi ... il-widien dellija').
21 Ibid.
22 Tradizzjonalment ħin l-irtirar lejn id-dar għall-mistrieħ għal bosta li xogħolhom kien jiddependi primarjament minn dawl ix-xemx. Ara *Tliet Għanjiet*, 114: '... l-għanja tal-ħaddiema / li max-xemx nieżla jerġgħu lejn id-dar, / miksur leħenhom, iżda qalbhom siekta, għax id-dmir tagħhom kellu jsir kif sar'; it-tfajla 'b'xi midra jew b'xi luħ mgħobbija' (*Wied Qirda*, 279); '... il-ħin kien riesaq / li l-għasafar jinġabru fuq is-siġar / ... Lejn id-dwejra, / bil-għodda fuq spallejh, xi bidwi xwejjaħ / kien nieżel waħdu, waqt li l-aħħar għanja / ta' xi ragħaj, fil-bogħ'd, kienet tinstama' / mal-ilħna u ċ-ċempil tal-qniepen ċkejkna' (*Żjara*, 236).
23 Ara l-poeżiji li fihom tingħata dehra epika tal-ħaddemin: 'Anqas biss żernaq; qalb id-dlam imkeb'ba / Il-ħlejjaq kollha donnhom għadhom rieqda; / Int biss, ja xbejba,

Din il-viżjoni tal-ħajja mxettla bikri f’Dun Karm minn ommu, u li mbagħad issoktat tisseddaq mill-osservazzjonijiet tiegħu tan-nies ta’ madwaru, tinħass tibqa’ tinfluwixxi fuqu meta bħala adult jiġi biex jaħseb fuq il-livell ogħla ta’ eżistenza universali, fuq il-livell ta’ ħsibijiet filosofiċi eskatoloġiċi, epistemoloġiċi, u ontoloġiċi; b’mod speċjali meta instigat mill-istess turmenti heżżieża tal-ħajja biex saħansitra jwettaq konsolidazzjoni – aktar milli rivalutazzjoni – tal-Fidi tiegħu; anke jekk fi ħdan il-parametri ‘limitanti’ tal-istess Reliġjon Nisranija, li tagħha Dun Karm kien promulgatur kburi; u anke jekk l-ispirtu taż-żminijiet kien tassew restrittiv[24], u retributtiv.[25]

Dun Karm jasal biex saħansitra jsaqsi: ‘... Mhix ħolma ewwilla / dik it-Tjieba Ħanina li għallmitni / ommi fl-iskola ta’ ħoġorha ...?’; u ‘... mela ħolma, / ħolma qarrieqa kienet dik il-wegħda / ta’ hena u ġid li għamiltuli darba; / kollox jintemm qasir; kollox ħuġġieġa / ta’ ward li jiftaħ maż-żerniq filgħodu, / ilellex f’nofs in-nhar u jbaxxi rasu / biex imut filgħaxija! Oh frugħa fiergħa / ta’ ġid, ta’ għerf, ta’ kobor, u ta’ ... Mħabba ...’[26]

Dun Karm jirraġuna, b’mod allegoriku pjuttost parallel mat-tagħlim (anke jekk f’forma tassew sempliċistika) t’ommu, li wara l-mewt – ir-‘raqda’ temporanja (skont it-twemmin Nisrani) – tista’ tinkiseb ‘il-Ħajja ta’ Dejjem’; wara s-solitudni (tremenda [kkawżata l-aktar mill-firda mill-omm tant għażiża għax mietet])[27], tista’ terġa’ titgawda fil-‘lil

---

ksirt in-ngħas u kmieni / Ħriġt minn ġo friexek’ u ‘Aħdem ja xbejba, u f’nofsinhar istaħja; Iżjed hu bnin il-ħobż jekk qlajtu b’ħiltek. / Omm Alla, iftakar, f’din id-dinja kienet / Ħaddiema bħalek.’ (*In-Nissieġa*, 148); ‘Jien rajtek kemm-il darba u għirt għall-qawwa / Ta’ dirgħajk u riġlejk, ja bint ir-raba; / Rajtek hienja u daħkana s-sjuf u x-xtiewi / Tbakkar u tishar’ u ‘Torqod lejlek fis-sħiħ, bla ħolm, bla biża’ / Tistenbaħ waħdek, qabel jibda jżernaq, / Trodd is-salib u titlob. F’daqqa waħda / Taqbad il-għodda // U lejn il-għalqa ma’ missierek tiġbed / B’mixja ħafifa li turini saħħtek’ (*It-Tifla tar-Raba’*, 174).

24 Ara O. Friggieri, ‘Dun Karm: Qassis jew Poeta?’, *In-Nazzjon Tagħna*, 11/10/1971.

25 Ara Sammut, 183–5, dwar iż-żjara f’Malta ta’ Monsinjur La Fontaine fl-1910 bil-għan li jagħmel inkjesta fis-Seminarju minħabba xi xnigħat li kienu waslu l-Vatikan.

26 *Il-Jien*, vv 98–100, 364–71. Imma ara wkoll nota 17.

27 Għalkemm mhux biss ... Dun Karm tilef ’l ommu meta kellu 38 sena imma kien diġà ġarrab it-telfien ta’ missieru meta kellu 21 – ara *A Mio Padre Morto* f’*Foglie d’Alloro* (Malta, 1896); u sofra t-‘tkeċċija’ mis-Seminarju (ara Sammut, 183–5) ...

hemm' (liema 'lil hemm' kellu t-tama li jeżisti)[28], il-preżenza reċiproka ta' omm u iben[29] 'irrikonċiljati'; wara l-mumenti ta' qtigħ il-qalb u disperazzjoni,[30] tinkiseb is-salvazzjoni; wara l-mijopija u d-dlam tar-Raġuni;[31] u d-dubji turmentattivi tal-Bniedem fuq l-art – anke jekk mgħaġġeb mix-xeni mill-aqwa fil-Ħolqien, ta' 'kobor u ta' ġmiel turija'[32] – jinkiseb l-għarfien b'ċertezza definittiva fid-dimensjoni spiritwali.

Hekk, fil-mixja tal-ħajja (attwali u poetika) Dun Karmjana, kollox jintwera bħala proċess ċikliku kontinwu ta' hena u niket u rivifikazzjoni, serħan u tagħnit u ksib meritat,[33] sa ma jasal il-waqt tal-liberazzjoni aħħarija, ironikament permezz tal-mewt, biex l-individwu jgħaddi għall-Eternità (il-Ġenna). Il-Fidi u t-Tama[34] jkunu ġew ivvindikati,

---

li swietu 26 sena jgħix fi tliet kmajriet il-Belt Valletta (hekk differenti minn Ħaż-Żebbuġ ta' tfulitu), fejn seta' biss jiftaħ qalbu solitarja ma' daqsxejn ta' kanarin. (F'*Lill-Kanarin Tiegħi*, 231, il-weġgħat emottivi u psikoloġiċi ta' Dun Karm jinħassu l-aktar fil-versi: 'għaliex fejn żrajt il-ward kiber bil-kotra / xewk u għolliq, u min bi mħabbtu safja / sata' jsabbarni, intemm qabli ġo qabar'; bħalma wkoll f'*Is-Salib – I*, 97: 'Ommi l-għażiża kienet / Ġa saret trab; il-ħbieb / Għaddew ma' ġenbi u sellmu, / Imm'iżjed minn daqshekk ma ħadux ħsieb').

28 *Lill-Kanarin*, 231: 'Hekk ngħixu mela t-tnejn, għasfur lelluxi: / int hieni bik innifsek u bi mħabbti; / jien bit-tama li f'qalbi Alla nissilli.'

29 '... Għidli, j'ommi, / li għadek tħobbni kif ħabbejtni dejjem, / li għad iżernaq jum ta' ferħ, ta' dija, / u qalbi u qalbek imsoffija bl-ilma / ta' ħniena kbira, isiru fjamma waħda / fin-nar ta' Mħabba ta' bla tarf sabiħa!' (*Il-Jien*, vv 394–5); bħalma fl-istess poema (vv 412–8), aktar 'il quddiem tintwera tixxejjen is-solitudni fil-'vinjett': 'Fuq ħajt ta' dwejra / ftit 'il bogħod minni, żewġ ħamiem tal-barr, / bħalkieku mxaħxaħ f'dik id-dija fietla / tax-xemx ħanina, kien jitbewwes f'ħolma / ta' xi bejta fil-blat fejn ebda regħba / ma tasal kiefra; anqas ta' riħ jew xita / ma tiżżarġan il-qilla ...'

30 Issimboleġġati mill-baħar imqalleb u l-għarqa: '... Ġarrabt il-ġlieda // mal-ħalel u mar-rwiefen / u darbtejn rajt il-mewt b'daħka waħxija / issejjaħli taħt l-ilma' (*Il-Ġerrejja u Jien*, v 275).

31 Jekk ma jkunux mirfuda mis-sentiment tal-Imħabba kif espress fil-kwotazzjoni minn Serracino-Inglott f'nota 18.

32 *Il-Jien*, v 70.

33 Ara ibid., vv 107–10: 'fid-dija ta' binhar, meta x-xemx tisreġ / fuq il-jasar ta' nies li taħdem, tħabrek, / tagħnet u tagħraq, biex ma' wliedha tiekol / il-loqma samra aktarx bid-dmugħ imxarrba'.

34 Ara *Lill-Kanarin* (kif ikkwotata f'nota 28); u *Il-Jien*, vv 506–8: '... jekk, nisel id-Dnub, daħlu fid-dinja / il-Mewt u n-Niket, fuq il-Mewt u n-Niket / jidħlu, nisel il-Ħajr, il-Ħajja u l-Hena.'

il-perseveranza ppremjata, it-tenaċità u l-istojċiżmu jiksbu l-għelejjel tagħhom:

naf illi d-dmugħ miżrugħ fid-dinja
irodd ferħ fis-smewwiet, u wara dina
il-ħolma li ngħidulha ħajja, tiġi
il-qawma mill-imwiet fid-dawl ta’ dejjem.[35]

## Il-bniedem qassis u poeta skont vrusu

Imħabbet Lunzjata għal binha Karmnu influwixxiet pożittivament fuq il-karatteristiċi tajba innati fih, u li flimkien ma’ fatturi oħra kontinġenti f’ħajjet il-bniedem-qassis-poeta, wasslet biex sa minn kmieni jikber fi tfajjel sew, imbagħad żagħżugħ b’vokazzjoni,[36] imbagħad f’raġel matur, u wara f’xiħ rassenjat li għalkemm mhedded u mifni mit-tbatijiet tal-ħajja, baqa’ jista’ jafferma li minkejja kollox, irnexxielu jippersevera fi twemminu u jegħleb l-avversitajiet li kellu jaffaċċja.[37]

Il-vokazzjoni ta’ Dun Karm kienet fil-fatt waħda doppja: dik li jkun qassis eżemplari imma wkoll dik li jkun poeta awtentiku. Għaliex, fil-fehma ta’ Dun Karm, fehma Romantika neo-Klassika, dawn iż-żewġ vokazzjonijiet jikkonverġu, mhumiex għajr aspetti differenti tal-istess missjoni: dik tal-poeta-qassis (jew qassis-poeta) li jservi ta’ poeta-profeta, il-*vates* Klassiku, jew f’sens figurattiv (skont Sokrate), ta’ kalamita li ma tagħmilx ħlief tiġbed lill-bnedmin lejn Alla.[38]

---

K. Sant, f’*Temi Bibliċi fil-Poeżija ta’ Dun Karm* (Malta, 1987) 7, dwar il-fidi u t-tama f’Alla ta’ Dun Karm, jikteb: ‘... Dun Karm, għalkemm kien konxju tat-tbatija, inġustizzja u gwaj ieħor fid-dinja, qatt ma kien ir-ribelli mgħaddab u rrabjat; kien il-bniedem li minħabba l-fidi tiegħu kellu t-tama li fl-aħħar kollox isib l-ordni tiegħu, għax fuq kollox u fuq kulħadd hemm Alla li jmexxi l-istorja. ...’

35 *Lill-Kanarin*, 231.

36 Dun Karm ħa l-ordni sagri fl-1894, meta kellu 23 sena.

37 Ara b’mod speċjali l-poeżiji awtobijografiċi *Il-Ġerrejja*, 275 u *Lill-Kanarin*, 231, imma wkoll l-*opus magnum* ta’ Dun Karm, *Il-Jien*, 128, li tittratta qagħdiet personali daqskemm universali.

38 Ara wkoll il-metapoeżija *Trid Taf?*, 435.

Imma, ironikament, l-istess imħabba ideali mġarrba attwalment waqt it-trobbija minn ommu, li mbagħad aktarx saqet lil Dun Karm innifsu biex jiddedika ħajtu u ħidmietu bħala qaddej t'Alla u rappreżentant tiegħu fuq l-art,[39] sfortunatament għalih kellha tkun ukoll iż-żerriegħa li kulma tmur tixxettel u tikber f'xitla li tittanta toħnoq lill-istess poeta-qassis; meta safa' mċaħħad mis-sors dirett tagħha għal dejjem (talanqas fuq din l-art), kawża tal-mewt tal-hekk għażiża ommu.[40]

Hawnhekk, il-poeta, waqt li tingħasarlu qalbu spiss, b'mod speċjali f'dawk il-mumenti meta jinħakem min-nostalġija għal ommu u jinfexx fir-reminixxenzi dwarha[41] (u dwar il-kumplament ta' familtu[42]); ħafna drabi waqt mumenti ta' ġmiel tremend (b'mod speċjali waqt passiġġati solitarji fil-paesaġġ waqt inżul ix-xemx);[43] jasal biex iħoss lilu nnifsu se

---

39 *Żjara*, 236: 'Vleġġa ma toħroġ qatt mill-Qaws ħafifa / daqs kemm ħafif mar ħsiebi lejn żgħuriti; / u fil-hena ftakart tal-ewwel darba / li fuq ilsieni, b'qima kbira sieket, / ħassejt it-togħma ta' dak l-ikel safi / li niżel f'sidri; u fik, anġlu ta' mħabba, / omm għażiża, ftakart li, minn kif nibtet / il-fehma f'moħħi, nissilt f'qalbi x-xewqa / ta' dan il-Ħobż, u forsi kienet bidu / tal-oħra li wasslitni fil-quċċata / tal-artal ma' Ġesù.'

40 Ir-relazzjoni li kellu Dun Karm ma' ommu kienet superlattiva – ara l-kwotazzjoni minn *Il-Jien* f'nota 3.

41 Ara partikolarment l-eleġija *Inti ma Tarġax*, 311.

42 *Żjara*, 236: '... il-ħsieb jittajjar lejn iż-żmien tal-hena / li għadda fuqna u ġie meħud għal dejjem; / u l-qalb tingħafas, u mingħajr ma rridu / id-dmugħ jaqbeż f'għajnejna u minn ġo ruħna / toħroġ tnehida. Ftakart fik, żmien ħelu, / meta kont f'dar missieri, u mejda waħda / kienet tiġborna lkoll, f'rabta ta' mħabba, / lili, lil ħuti, u 'l dawk illi nissluna; / imma fik l-aktar, j'omm ...'.

43 Liema nżul ix-xemx mhux biss jinħass li kien il-ħin predilett ta' Dun Karm (kif implikat permezz tar-referenzi spissi għalih); imma wkoll iservi ta' ħin ta' riflessjoni qawwija dwar l-eżistenza nnifisha, ladarba tmiem il-jum ifakkar lill-bniedem li jinsab fi vjaġġ li kontinwament iqarrbu lejn tmiem ħajtu: 'Għandu jkun hemm rabta / bejn is-siegħa tal-jum u bejn il-ġrajja / ta' ħajjitna; u l-ħin li x-xemx tkun riesqa / biex tgħib u tagħti l-aħħar bewsa 'd-dinja, / il-ħsieb jittajjar lejn iż-żmien tal-hena / li għadda fuqna u ġie meħud għal dejjem; / u l-qalb tingħafas, u mingħajr ma rridu / id-dmugħ jaqbeż f'għajnejna u minn ġo ruħna / toħroġ tnehida.' (ibid., 236).

Ara wkoll ibid., 236: '... il-ħin kien riesaq / li l-għasafar jinġabru fuq is-siġar / u jimlew l-ajru bil-għajat minn tagħhom'; *Wied Qirda*, 279: 'Meta ninżel hawnhekk fil-waqt li ħamra / ix-xemx tistaħba wara l-Fuqqanija'; *Il-Monument – Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913*, 240: 'L-isbaħ xemx kienet nieżla mis-sema'; *Il-Lampa tas-Sagrament*, 287: 'Lubiena / l-aħħar dija tax-xemx tħammar fit-tieqa'; *Alla Mhux Hekk*, 361: 'Kien qrib inżul ix-xemx, ...'; u *Non Omnis Moriar*, 431:

jċedi taħt il-piż għakkiesi ta’ salib li l-għuda ħarxa tiegħu hi kostitwita propju mis-solitudni enormi li tikkawżalu tbatija li tifnih tant, hekk li saħansitra twasslu biex iħares b’apprensjoni lejn is-sema.[44]

Dawn il-mumenti ta’ deżolazzjoni u disperazzjoni f’ħajjet il-bniedem-poeta – imma wkoll qassis – jieħdu l-bixra ta’ għarqa f’baħar li daqskemm jaf ikun ħlejju u kalm, daqstant ieħor jaf ikun kattiv u bla ħniena.[45] Dawn il-waqtiet suwed iqanqlu mistoqsijiet ta’ xeħta eżistenzjali f’Dun Karm,[46] li għalkemm xi drabi jistgħu jitqiesu suppervi, fl-istess waqt għandhom min-naturalezza tal-karba tal-bniedem muġugħ fuq diversi livelli: fiżikament, sentimentalment, psikoloġikament ... u wkoll spiritwalment. Għaliex l-aktar minħabba l-istess ċaħda mill-preżenza ta’ ommu, għalkemm mhux biss, Dun Karm il-bniedem-poeta-qassis iħossu qiegħed jiġi ‘msallab’ mingħajr ħtija,[47] ma jibqagħlux ħlief isaqsi x’siwi għandha t-tbatija kemm-il darba ma jkunx hemm ħajja oħra aħjar wara dik preżenti.[48]

F’Dun Karm tissensel katina sħiħa ta’ mistoqsijiet eżistenzjalisti quddiem il-weġgħat varji tal-ħajja: għaliex il-mewt, il-firda, is-solitudni,

---

‘– l-anġlu tal-Poeżija – / ... b’dawk xofftejh eħfef mir-riħ li jgħaddi / fietel ma’ nżul ix-xemx mill-art għall-baħar’; flimkien mas-silta fil-*Il-Jien*, vv 307–11: ‘“Emmen! Emmen!” / għajjat b’leħen ta’ ragħda l-Baħar wiesa’ / ... u rajtu, .. / mera bla nikta u mingħajr mewġa, / fi nżul ix-xemx, itenni sema jsaħħar ...’.

44 Is-sema, li b’sineddoke jirrappreżenta l-kożmoż vast u manjifiku, spiss jisfa’ simbolu ta’ Alla, il-Ħallieq Divin li ma jidhirx, imma li hu omnipreżenti u infinit. Għal Dun Karm, li kien għalliem tal-kożmografija fis-Seminarju, jidher li kien xhieda ‘konkreta’ tal-eżistenza tiegħU. (Ara wkoll *L-Id tal-Imgħallem*, 376 u *Alla*, 333 għall-affermazzjoni tal-aspett teofaniku tan-Natura fil-poeżija ta’ Dun Karm, u Sant, 11–12; u l-kwotazzjoni abbinata ma’nota 56: ‘mhux għalhekk ... lejn is-sema’).

45 Ara l-ode lill-Baħar antropomorfizzat *Żagħżugħ ta’ Dejjem*, 277; u l-allegorija awtobijografika dwar il-fażijiet ewlenin ta’ ħajjet il-poeta, *Il-Ġerrejja*, 275.

46 Irreferi għal ftuħ il-poema *Il-Jien*, vv 1–5: ‘Ħsiebi bħal għama; biex isib it-trejqa / itektek bil-għasluġ kull pass li jagħti; / jimxi qajl qajl u qatt ma jaf fejn wasal; / dalma kbira tostorlu l-kif u l-għala, / u d-dawl li hu jixtieq qatt ma jiddilu.’

47 Ara l-kwotazzjoni minn *Lill-Kanarin* f’nota 27.

48 F’*Il-Jien*, 128, il-poeta jinħass għaddej minn kriżi dwar l-‘għaliex’ tat-Tbatija u tal-Mewt, aktar milli kriżi ta’ fidi f’Alla, għaliex sa minn vers 45, diġà japostrofizza lill-Mulej. Dan kollu jfakkar fi ħsieb Santu Wistin li min ifittex ’l Alla jkun diġà sabU. Dwar din il-parti tal-poema, ara Friggieri, *Dun Karm – Il-Jien u lil hinn Minnu*, 34 u Serracino-Inglott, partikolarment 133–5.

it-tbatija? Għaliex il-ħajja nnifisha? Għaliex in-Natura minkejja l-ġmiel u l-providenza hekk ġeneruża tagħha, fl-istess waqt għandha dellijiet koroh tant li jwasslu saħansitra għal dlamijiet għammieqa u ċaħdiet assoluti?[49] Dun Karm, f'mumenti bħal dawn, jasal biex jirraġuna li 'mhux għaqli tibni biex tħott, tpinġi s-sabiħ u tħassru.'[50] Jasal biex jistqarr li 's-sħana tax-xemx ma niżlitx f'qalb[u]'.[51]

Imma meta Dun Karm jinħass imiss il-qiegħ tad-disperazzjoni tiegħu,[52] meta propju jaħseb li ma jistax jinfena aktar, sostnut mill-kliem ta' twissija t'ommu fi tfulitu jagħraf ikun reżiljenti biżżejjed biex jerġa' jqum fuq saqajh u flok iċedi, jiġbor il-forzi kollha tal-maturità tiegħu – b'ironija oħra miksuba u ffurmata mill-istess tiġrib morr tal-ħajja:

Għamilt qalb lili nnifsi,
B'wiċċi merfugħ ħarist
Lejn is-salib; beżżagħni,
Imma għajnejja ma dawwartx. Ilbist

L-aħjar li stajt bil-ħeġġa,
Meddejt dirgħajja t-tnejn
Biex inħaddnu u fuq spallti
Inżommu jiena stess bla biża' xejn.

---

49 Ara s-sunett *Wied Qirda*, 279, l-aktar l-aħħar vers: '... (i)nħoss għaddejja l-Mewt minn fuq Wied Qirda.'

50 *Il-Jien*, v 129.

51 Ibid., v 26.

52 Ara ngħidu aħna r-referenza għat-tfajjel (aktarx raffigurazzjoni ta' Dun Karm innifsu) ifittex (għalxejn) lil missieru (fiċ-ċimiterju) f'ibid., vv 135–42: 'Tara tfajjel jiġġerra liebes l-iswed / qalb l-oqbra jfittex dik il-qalb li darba / kienet taqbeż bil-ferħ u taqsam miegħu / l-hena tas-saħħa; b'leħen kiebi jsejjaħ: / "Missier! Missier!" u jieqaf bħal jistenna / it-tweġiba ta' dari. Ahi! ħadd ma jwieġeb / għajr il-fewġa lubiena li titniehed / ġos-siġar taċ-ċipress u qalb is-slaleb'; u f'*Waħdi*, 230: 'sibtni waħdi fuq xifer il-blat', fejn saħansitra tinħass insinwata xewqa suwiċidali, liema xewqa tiġi espressa b'mod aktar espliċitu fi *Żjara*, 236, meta jiftakar f'ommu mejta: '... ftakart fik u donni / ħassejt li ma kellix iżjed x'nambiha / din il-ħajja li tajtni hekk għażiża, / ladarba ma kont tista', ferħ jew niket, / taqsamha miegħi, u taħt l-art ħanina / fit-tgħanniqa tal-mewt xtaqt norqod miegħek.'

Ħaġa tal-għaġeb! f'daqqa
Waħda ħeff is-salib,
U minn hemmhekk bil-ferħa
Dan it-toqol ħanin jien bdejt inġib.

Imbagħ'd meta ħabbejtu
Għal imħabbtek, Ġesù,
Oh kemm swieli u wettaqni!
Mhux li ma rfajtux jien, rafagħni hu.[53]

U fil-waqt li jiftakar fi kliem ommu t-twajba tant li f'għajnejh ma kinitx ħlief it-'tlaħħim' tal-imħabba naturali t'Alla,[54] isib il-qawwa li

53 *Is-Salib – I*, 97.

54 Dun Karm spiss jattribwixxi b'mod interkambjabbli għadd ta' kwalitajiet/imġibiet umani/divini lill-Missier (Etern)/Kristu (ibnU magħmul Bniedem), u lill-figura tal-Omm (arketipali attwali/mistħajla). Bħallikieku jara l-karatteristiċi tal-ewwel (divin imma wkoll antropomorfizzat), infużi f'tat-tieni. F'dan is-sens, l-omm (aktarx attwali, imma mhux dejjem), tisfa' prattikament iddivinizzata mill-poeta.

Dun Karm jirreferi għall-Imħabba, it-Tjieba, il-Ħarsa, il-Fomm, il-Ħniena, is-Sabar, il-Ħlewwa, il-Mogħdrija, l-Indukrar tal-Ulied, il-Ħaqq, il-Qalb, u l-Kelma ta' Alla/Kristu u tal-Omm b'modi tassew simili. (Għall-kwotazzjonijiet li jixhdu dan kollu, ara Vella, 33–41.)

B'dan l-għemil, huwa mhux biss jinħass 'jisfuma' l-fehma tradizzjonali tal-kunċett tal-'missier' bħala essenzjalment rappreżentant tar-raġuni, u l-'omm' bħala rappreżentatriċi tas-sentiment u l-intwizzjoni, ara C.G. Jung, *Jung – Selected Writings*, introd. by Anthony Storr (London, 1986), 102: 'Whereas logic and objectivity are usually the predominant features of a man's outer attitude, or are at least regarded as ideals, in the case of a woman it is feeling.'); imma wkoll 'juri' lill-missier bi kwalitajiet sentimentali u l-omm b'fakultajiet razzjonali (kif jinsab fl-*anima* u l-*animus* tagħhom, ibid.: 'But in the soul it is the other way round: inwardly it is the man who feels, and the woman who reflects').

Hekk, fi ħdan il-ħidma poetika Dun Karmjana, il-'Missier' (Etern) u l-Omm (arketipali attwali/mistħajla), jitwaħħdu f'entità/persuna waħda li irrelevanti tiksibx bixra ta' raġel, inkella ta' mara, iżżomm kostanti u ssir punt ta' referenza fit-tajjeb u fil-ħażin.

Matul ħajtu Dun Karm kien nieqes ħafna mill-preżenza ta' missieru, peress li dan 'kien sikwit ibaħħar biex iġib ix-xogħol minn barra' (Sammut, 179), u allura ntrabat ħafna m'ommu bħala konsegwenza. F'dan id-dawl, tinħass tassew qawwija l-possibbiltà li f'għajnejh ommu bdiet tinkorpora wkoll il-figura tal-missier frott l-irwol doppju tagħha f'ħajtu.

jintrefa' u jerfa' s-salib,[55] għaliex imwieżen mis-sisien tal-valuri twajba li tatu ommu sa minn ċkunitu, iqis lil Kristu bħala l-mudell tiegħu:

Hu ïl-mudell; u min fit-tjieba tiegħu
sawwar il-għaġeb tal-ħolqien u ħadem
f'ġisem il-bniedem dik in-nisġa mżewqa
ta' għadam, dgħif, għeruq u demm u nervi
li jwieġbu ħelu għall-amar tar-rieda,
ħeba ġo dak it-trab żerriegħa ċkejkna
nebbieta tas-salib; u ma' kull ħajja
ta' bniedem tikber dik is-siġra mħattba
u twarrad għali, niket, dmugħ u dwejjaq
bla tarf, sakemm fuq dik il-għuda ħarxa
tintemm il-ħajja li nisslitha. Iżda
mhux għalhekk għandu l-bniedem jitlef għaqlu
u jħares ikreh lejn is-sema. Siġra
imsoqqija mill-għajn ta' ħniena kbira
is-siġra tas-salib, u mill-ward tagħha
jitnissel l-hena kbir ta' ħajja ħielsa.[56]

L-innoċenti bla ħtija jsofri t-tbatija xorta waħda, u jerfa' s-salib xorta waħda – għax jagħraf li min iħobb tassew (Alla l-Missier), ma jingannax u ma jittradixxix lil min iħobb:

Qatt la tirtema
taħt it-toqol tal-ħajja: jekk in-niket

L-entità/figura unika bi kwalitajiet maskili/femminili, tevoka wkoll il-pittura ta' Rembrandt van Rijn, 'Ir-Ritorn tal-Iben il-Ħali', maħduma ħabta tal-1699, li fiha l-missier (allegoriku) li jilqa' lura fi ħdanu lil ibnu ripentit jintwera b'idu x-xellugija maskili u b'dik leminija femminili.

U b'daqsxejn stħajjil, wieħed jista' faċilment jissostitwixxi x-xbiha tal-iben il-ħali għarkopptejh quddiem il-missier b'dik ta' Dun Karm il-bniedem-poeta-qassis vjaġġatur ta' *Il-Jien* bl-istqarrija tiegħu f'vv 427–31 (inklużi f'nota 60): 'mingħajr ... bin-nifel'.

55 Ara l-kwotazzjoni abbinata ma' nota 53.

56 *Il-Jien*, vv 264–79.

għad jiġi wara biebek u jdellillek
darek, u tħoss il-ħobż jimrar u jikber
sa ġo ħalqek, ftakar illi fik, madwarek,
u fid-dawl tas-smewwiet għandek iħobbok
missier ħanin li ma jaħqarx ’l uliedu,
għax Hu jitma’ ’l-għasafar, Hu ilibbes
bis-suf lin-ngħaġ u Hu jimla bis-saħħa
lill-ħut fil-baħar; qatt, ibni, la tinsa
il-kelma t’ommok; ommok tgħid is-sewwa.[57]

L-istess bħalma omm il-poeta ma jistax ikun li gidbitlu:

Oh, jien nista’ naħilfu,
Gidba ma ħarġet qatt minn dak il-fomm.[58]

Mal-istess aċċettazzjoni tixref mill-ġdid it-tama fil-ħajja ta’ wara din. Minkejja li r-raġuni wara t-tbatija (li tista’ tinħaseb ‘gratwita’, imma għal min jemmen f’Alla u fil-ħajja eterna mhix), tibqa’ ma tinstabx b’ċertezza definittiva;[59] talanqas tista’ tinkiseb ir-rassenjazzjoni (konsegwenza tal-aċċettazzjoni),[60] grazzi għall-fiduċja miżrugħa bit-twissijiet bikrija fit-tfulija u mxettla u msaħħa matul l-irġulija bikrija, mill-omm istintivament u konsistentement twajba, il-mara li tinkorpora u tgħaddi l-Imħabba kollha naturali (t’Alla) lil binha.

57 Ibid., vv 76–86.
58 *Is-Salib – I*, 97.
59 Għalkemm ħjiel ta’ sens jista’ jinkiseb: ‘L-Imħabba twaġġa’; bint il-weġgħa l-hena / u bint il-mewt il-ħajja; tibqa’ wħedha / ’k ma tmutx il-qamħa, u mill-uġigħ tal-ħlas / tagħraf il-hena l-omm ta’ ħajja ġdida’; u ‘... mhux għaqli / tibki lill-qamħa u ma tifraħx bis-sbula.’ (*Il-Jien*, vv 206–9 u 219–20 rispettivament).
60 ‘... misruq mid-dehra kbira / tal-Imħabba li tħaddan lin-Natura, / mingħajr ma kont naf sewwa x’qiegħed nagħmel, / arfajt għajnejja ’l fuq, idejja ltaqgħu / swaba’ ma’ swaba’ u bħalma jagħmel tfajjel / meta tmissu l-id t’ommu, nżilt qajl qajla / għarkopptejja fuq l-art ħadra bin-nifel. // Siket il-Jien ġo fija ... hekk, kif siket il-Jien, fuq moħħi u qalbi / ġiet il-fewġa tas-Sliem, u firxu dlielhom / il-fehmiet tajba u ġewwa sidri tħarrku / ferrieħa t-tqanqiliet ta’ safa u benna.’ (ibid., vv 425–43)

Hekk, iħabbat kemm iħabbat bil-qilla l-baħar f'ħajjet Dun Karm, il-fiduċja fl-awtentiċità tal-omm[61] tissarraf f'fidi fil-'Missier' (Etern).[62]

Fi ftit kliem, Dun Karm isib is-saħħa li jissubixxi t-tbatija billi jirrikonoxxiha bħala parti mill-proċess tan-Natura, li hemm il-ħajja għax hemm il-mewt,[63] u viċiversa; hemm il-firda kkawżata mill-mewt għaliex qabel kien hemm ir-rabta għażiża bejn l-iben u ommu, liema rabta mhux biss setgħet titgawda matul il-preżenza fiżika flimkien, imma li ttul għal għomor il-bniedem li jibqa' ħaj meta l-persuna l-oħra tkun intemmet (talanqas fiżikament).[64]

L-affermazzjoni 'Le, l-Imħabba ma tmutx ...'[65] tindika l-mument tal-verità għal Dun Karm, il-mument li fih isostni li mhix il-kelma tal-mewt dik aħħarija f'ħajjet il-Bniedem; li t-tbatija kkawżata minnha mhix għajr waħda temporanja, passaġġ biex f'tarfu l-Bniedem jinħareġ mid-dlam għad-dawl (ta' dejjem). Grazzi għall-kliem għaref minkejja s-sempliċità tiegħu t'ommu (attwali); grazzi għall-intwizzjoni u r-rieda tajba tagħha u l-valuri tajba mgħoddija lilu u inkulkati sew fih sa minn kmieni, hekk li baqgħu miegħu sa fl-eqqel mumenti ta' rġulitu u xjuħitu; grazzi għall-inkorporazzjoni tal-kwalitajiet divini t'Alla f'ommu; Dun Karm jagħraf jaqbad it-'Triq' li twasslu jagħraf u jammetti l-'għajb tal-Jien u l-Ġmiel tal-lil hinn Minnu.'[66]

61 Ara l-kwotazzjoni abbinata ma' nota 58 u 'Iżda lil ommi ma ħqarthiex fi ħsiebi, / għax ommi kienet safja u deh'nha qawwi' (*Il-Jien*, vv 113–4).

62 L-imperattiv 'emmen' jintuża ħdax-il darba b'kollox f'*Il-Jien*, vv 286, 291, 292, 298, 304, 307, 460, u 'Nemmen' tintuża darba biss imma b'mod definittiv f'v 461.

63 Ara nota 59.

64 Ara l-kwotazzjonijiet abbinati ma' noti 15 u 16.

65 *Il-Jien*, v 382.

66 Ibid., v 520.